**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 17 ta` Jannar 2019**

**Fl-atti tar-rikors nru 840/2017 JZM ta` Christopher Vella (762724M) fejn intalab ix-xoljiment u l-istralc mill-Qorti tal-kumpannija Recruitair Limited (C51448), liema kumpannija bi provvediment ta' din il-Qorti tat-28 ta` Gunju 2018 kienet dikjarata xjolta u kien ordnat l-istralc taghha**

**Il-Qorti :**

Rat id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u l-ordni ta` stralc tal-kumpannija Recruitair Limited (C51448).

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Recruitair Limited (C51448) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Recruitair Limited (C51448).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**